

Brussell, 18 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8768/21

CULT 33
AUDIO 54
SOC 273

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7431/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fis-17 u t-18 ta' Mejju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JFAKKAR FI

1. Il-ħtieġa, fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, għal sforzi mingħajr preċedent favur reżiljenza u trasformazzjoni akbar fl-UE, kif iddikjarat fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa straordinarja tas-17-21 ta' Lulju 2020¹.
2. Id-determinazzjoni li jittieħdu azzjonijiet ta' politika deċiżivi fil-pront sabiex jiġu appoġġati s-setturi kulturali u kreattivi (SKK) fi żminijiet ta' kriżi u lil hinn, kif espress mill-Ministri tal-UE għall-Kultura, il-Media u l-Awdjoviżiv fit-tliet vidjokonferenzi informali tagħhom taħt il-Presidenza Kroata u dik Ġermaniża.
3. L-għadd ta' miżuri straordinarji li għandhom l-għan li jappoġġaw is-SKK u li ġew stabbiliti mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha sa mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19.
4. L-importanza tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura la fil-proċess ta' rkupru u lanqas fit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

¹ EUCO 10/20.

5. Il-qbil politiku dwar il-programm Ewropa Kreattiva għall-2021-2027 b'baġit akbar fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid.
6. L-adozzjoni mill-Kummissjoni Ewropea ta' pjan ta' azzjoni għall-appoġġ tal-irkupru u t-trasformazzjoni tas-settur tal-media u dak awdjoviżiv.

KONXJU MINN

7. Ir-rwol kruċjali li għandha l-kultura għall-identità Ewropea u l-kontribut sinifikanti tagħha għall-vitalità, l-inklużività, il-funzjonament demokratiku u l-prosperità tas-soċjetajiet tagħna permezz tal-valur intrinsiku tagħha u l-impatt soċjali u ekonomiku importanti tagħha.
8. Il-potenzjal tal-kultura bħala sors ta' ideat u mezz biex jinħolqu soluzzjonijiet ġodda, tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni u jissaħħu r-rabtiet soċjali, jinħolqu solidarjetajiet ġodda, jiġu animati l-ispazji u tissaħħaħ il-kapaċità tagħna li niffaċċjaw aħjar l-isfidi attwali u dawk futuri.
9. Ir-rikonoxximent li s-SKK jagħmlu parti mill-ekosistemi essenzjali tal-ekonomija Ewropea u tal-potenzjal tagħhom bħala mutur tal-iżvilupp ekonomiku.
10. Il-kapaċità tal-artisti, l-artisti fid-dinja tal-ispettaklu u l-kreaturi tal-arti li jadattaw għall-isfidi li ġabet magħha l-kriżi attwali u li jsibu modi ġodda u innovattivi, prinċipalment fl-ambjent diġitali, biex jipprovdu kontenut lill-udjenzi tagħhom u li jiġbdu oħrajn ġodda.
11. Il-ħtieġa bla preċedent li l-ekosistemi kulturali u kreattivi jinbnew mill-ġdid u jingħataw spinta, bl-użu tat-tagħlimiet meħuda mill-isfidi ppreżentati mill-kriżi tal-COVID-19.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

12. Il-kriżi attwali kixfet sfidi strutturali fis-SKK u teħtieġ rispons immedjat kif ukoll azzjoni ambizzjuża u orjentata lejn il-futur li twitti toroq ġodda għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà msaħħa tas-SKK, speċjalment tal-artisti u l-professjonisti tagħha.
13. Huwa essenzjali li jissaħħu s-SKK, b'mod partikolari s-setturi l-aktar milquta mill-kriżi attwali, billi jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tagħhom u jiġu promossi l-ġustizzja u l-ugwaljanza għal kulħadd, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tal-artisti u l-professjonisti kulturali nisa.

JOSSERVA LI

14. Is-SKK kienu fost is-setturi l-aktar milquta mill-kriżi tal-COVID-19 minħabba l-karatteristiċi uniċi tagħhom, bħall-kuntatt dirett mal-udjenzi, u minħabba l-fatt li ħafna postijiet kulturali, għalkemm mhux kollha, ingħalqu u l-avvenimenti ġew ikkanċellati, u dan irriżulta f'diffikultajiet ekonomiċi serji.
15. Proporzjon kbir ta' ħaddiema tas-SKK, u fosthom dawk l-aktar fraġli, jiffaċċjaw inċertezza sinifikanti, spiss minħabba n-nuqqas ta' protezzjoni soċjali u ta' mekkaniżmi ta' appoġġ għall-qgħad, peress li x-xogħol kulturali huwa ta' spiss kkaratterizzat minn kuntratti prekarji fuq terminu qasir u minn prevalenza għolja ta' professjonisti li jaħdmu għal rashom.
16. L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, kif ukoll istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet kulturali (kemm bi skop ta' qligħ kif ukoll mingħajr skop ta' qligħ), li jiffurmaw il-biċċa l-kbira tas-SKK u li jikkontribwixxu għad-diversità kulturali, jeħtieġu miżuri mfassla apposta minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għall-effetti negattivi tal-kriżijiet.

17. Ħafna artisti, kreaturi tal-arti u professjonisti kulturali malajr irrikorrew għall-possibiltajiet online biex juru x-xogħol u l-proċessi kreattivi tagħhom, iżda qed iħabbtu wiċċhom mal-isfida li jiżguraw sorsi sostenibbli ta' dħul, filwaqt li pjattaformi online kbar ħafna raw żieda fit-traffiku u d-dħul tagħhom.
18. L-aċċess għall-kultura wera li huwa ta' importanza kbira għall-benesseri taċ-ċittadini u l-koeżjoni tas-soċjetajiet iżda jista' jkompli jkun ristrett minn tħassib relatat mas-saħħa.
19. Ir-restrizzjonijiet adottati biex tiġi indirizzata l-pandemija għandhom riperkussjonijiet fuq il-mobbiltà tal-professjonisti kulturali u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet kulturali, u b'hekk joħolqu sfidi għad-diversità kulturali u lingwistika, il-kontinwazzjoni tad-djalogu, l-iskambju u l-ktajjen tal-valur transfruntiera.
20. Il-pandemija affettwat ukoll lis-sħab mis-SKK fpajjiżi terzi, u b'hekk enfasizzat l-importanza li tintwera solidarjetà, u li jkun hemm ħidma magħhom fl-isforzi tagħhom lejn irkupru u żvilupp sostenibbli, fi ħdan il-qafas tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali u l-azzjoni esterna tal-UE.

JIDENTIFIKA, B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA GĦALL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZZJONALITÀ, L-ISFERI RISPETTIVI TA' KOMPETENZA TAL-ISTATI MEMBRI U R-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, IS-SITT PRIJORITAJIET LI ĠEJJIN BIL-GĦAN LI JIĠI PROMOSS L-IRKUPRU TAS-SETTURI KULTURALI U KREATTIVI LEJN REŻILJENZA U SOSTENIBBILTÀ AKBAR:

I. TITJIB TAL-AĊĊESS GĦALL-FINANZJAMENT DISPONIBBLI

Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni:

21. Jieħdu vantaġġ mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jippermettu l-irkupru mill-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 u jagħmlu s-SKK aktar reżiljenti għal kriżijiet futuri billi jindirizzaw l-isfidi strutturali ffaċċjati mis-SKK u, fejn rilevanti, jimplimentaw skemi ta' appoġġ xierqa u effiċjenti.
22. Jippromwovu sinerġiji bejn il-programmi tal-UE rilevanti għas-SKK, bħal Ewropa Kreattiva, Erasmus+, Orizzont Ewropa, InvestEU, Ewropa Diġitali, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru.
23. Jissimplifikaw il-proċessi ta' applikazzjoni u jnaqqsu kemm jista' jkun il-burokrazija tal-programmi ta' finanzjament.
24. Jistinkaw biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u li l-mekkaniżmi ta' finanzjament jirreaġixxu għall-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet speċifiċi ta' dawk li jaħdmu għal rashom, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet (kemm bi skop ta' qligħ kif ukoll mingħajr skop ta' qligħ) fil-qasam kulturali.

25. Jikkondividu informazzjoni mfassla apposta dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u ta' kofinanzjament disponibbli għas-SKK permezz ta' strutturi fl-Istati Membri li jappoġġaw is-SKK, kif ukoll permezz ta' uffiċċji, aġenziji jew punti ta' kuntatt rilevanti tal-programmi tal-UE, u jsaħħu d-djalogu bejn dawn l-atturi sabiex jiġi żgurat li s-SKK jirċievu informazzjoni u pariri f'waqthom.

Jistieden lill-Kummissjoni:

26. Tipprovdi għodda komuni ta' "punt uniku ta' servizz" għal informazzjoni rilevanti li hija aġġornata regolarment, faċli biex tinftiehem, faċilment aċċessibbli u mfassla apposta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE dwar opportunitajiet ta' finanzjament għas-SKK, biex b'hekk l-atturi kulturali kollha jkunu jistgħu jaċċessaw malajr l-informazzjoni dwar il-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE.
27. Tevalwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-SKK, bil-ħsieb li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa għall-adattament.
28. Tkompli taħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati meta timplimenta miżuri ta' appoġġ u programmi ta' finanzjament tal-UE sabiex tiżgura li l-finanzjament disponibbli jissodisfa l-ħtiġijiet tas-settur, b'mod partikolari f'ċirkostanzi mhux previsti.

II. TISĦIĦ TAR-REŻILJENZA TAL-PROFESSIONISTI TAS-SKK

Jistieden lill-Istati Membri:

29. Jippromwovu, fi ħdan l-oqfsa adatti, l-iżvilupp ulterjuri ta' suq tax-xogħol ġust u sostenibbli, inkluż il-protezzjoni soċjali għall-professionisti tas-SKK, b'kont meħud tal-karatteristiċi tal-attivitajiet kulturali u kreattivi, fi djalogu mill-qrib mas-setturi².
30. Jippromwovu djalogu kontinwu u jiskambjaw mal-professionisti tas-SKK, filwaqt li jhegħgħom jinnotifikaw problemi fi stadju bikri u jikkondividu s-soluzzjonijiet misjuba.

Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni:

31. Jippromwovu l-iżvilupp ulterjuri ta' mudelli kummerċjali ġodda mis-SKK li jirrispondu għall-isfidi ekonomiċi, diġitali, ambjentali u dawk tas-soċjetà, pereżempju billi jisfruttaw il-potenzjal tad-data.
32. Jippromwovu opportunitajiet ta' taħriġ li jsaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, diġitali, finanzjarji u dawk ta' ġestjoni, il-proprjetà intellettuali, kif ukoll ir-reżiljenza ġenerali tal-professionisti tas-SKK.
33. Jinkoraġġixxu l-esplorazzjoni ta' modi u mezzi ġodda biex jiġi żgurat id-dħul tal-artisti, jiġi diskuss l-istatus tal-artisti u jiġu skambjati ideat dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-setturi kulturali u kreattivi u fl-industrija fl-Ewropa permezz tal-grupp dwar l-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi, li għandu jiġi stabbilit skont il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni.
34. Jippromwovu sforzi biex is-SKK jiġu protetti aktar kontra l-piraterija.

² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, *ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1*.

III. TISĦIĦ ULTERJURI TAL-MOBBILTÀ U L-KOOPERAZZJONI

Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni:

35. Jieħdu passi xierqa biex jinkoraġġixxu aktar il-kooperazzjoni, inkluż ma' pajjiżi terzi, u biex jiffaċilitaw il-moviment liberu tal-artisti u l-professjonisti tas-SKK, filwaqt li jippromwovu l-iskambji, il-kollaborazzjoni u l-libertà artistika billi jqisu l-prinċipji ġenerali tal-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi.
36. Jesploraw aktar soluzzjonijiet għall-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' mobbiltà, u b'hekk jiffaċilitaw in-navigazzjoni tal-prattiki amministrattivi differenti tal-mobbiltà transfruntiera min-naħa tal-artisti u l-professjonisti tas-SKK.
37. Jippromwovu l-kollaborazzjoni bejn id-dixxiplini artistiċi u jissimplifikaw ir-regoli relatati, kull fejn ikun rilevanti.
38. Jippromwovu l-flessibbiltà meħtieġa biex il-fondi Ewropej għall-mobbiltà jkunu jistgħu jiġu diretti mill-ġdid biex jissodisfaw il-ħtiġijiet l-aktar urġenti tas-settur meta jkunu fis-seħħ restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar.

IV. TĦAFFIF TAT-TRANŻIZZJONIJIET DIĠITALI U EKOLOĠIĊI

Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni:

39. Jinkoraġġixxu t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tas-SKK biex ikunu jistgħu jaċċessaw b'mod effettiv l-arena diġitali, jagħmlu użu minnha, jagħmlu qligħ minnha u jikkompetu fiha, b'kont meħud tar-rwol li jaqdu pjattaformi online kbar ħafna.
40. Jaħtfu l-opportunitajiet offruti mid-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva³ u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur⁴ biex jiġi ffaċilitat l-irkupru tas-SKK.
41. Jippromwovu l-kooperazzjoni interdixxiplinari bejn is-SKK u s-setturi tal-ambjent u t-teknoloġija, filwaqt li jrawmu l-innovazzjoni kemm fil-kultura kif ukoll fl-industrija, u jisfruttaw bis-sħiħ it-teknoloġiji tal-lingwa u t-teknoloġiji diġitali, eżempju l-intelliġenza artifiċjali.
42. Jippromwovu, fejn xieraq, l-edukazzjoni kulturali għall-ġenerazzjonijiet kollha bħala mezz biex tinholq attitudni aktar infurmata tal-konsumatur lejn diversità usa' ta' produzzjonijiet kulturali.
43. Jenfasizzaw ir-rwol trasformattiv importanti li għandhom is-SKK bħala xprun tas-sostenibbiltà, u jipprovdu, fejn possibbli, kundizzjonijiet favorevoli għall-atturi kulturali kollha biex jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inkluż billi jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-attivitajiet tagħhom.

³ Direttiva 2010/13/UE kif emendata mid-Direttiva (UE) 2018/1808.

⁴ Direttiva (UE) 2019/790.

V. TITJIB TAL-GĦARFIEN U THEJJJA GĦALL-ISFIDI FUTURI

Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni:

44. Jippromwovu għarfien preċiż u approfondit tal-ħtiġijiet, il-karatteristiċi u l-vulnerabbiltajiet preċiżi ta' kull settur kulturali u kreattiv tul il-katina tal-valur kollha, permezz ta', pereżempju, ir-riċerka, l-immappjar u djalogu kontinwu u mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inkluż il-komunitajiet lokali.
45. Jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni relatati mal-modi l-aktar effettivi biex jiġi sfruttat l-irkupru tas-SKK (eż. miżuri tal-pjan ta' rkupru), u biex ikun hemm fokus fuq it-thejjja għal fenomeni mhux mistennija u inċerti li jistgħu jfixxlu dawn is-setturi fil-futur.
46. Tisħiħ tas-salvagwardja tal-wirt kulturali billi tingħata attenzjoni lis-sostenibbiltà u r-reżiljenza għad-diżastri bħala parti integrali mill-ġestjoni tal-wirt kulturali.

VI. JITQIESU X-XENI KULTURALI U L-KOMUNITAJIET LOKALI

Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni:

47. Jinkludu l-ħtiġijiet u l-fehmiet tax-xeni kulturali u l-komunitajiet lokali bħala sors ta' gwida għall-istabbiliment tal-prijoritajiet dwar il-politiki, l-istrateġiji u l-programmi kulturali, biex b'hekk jiġi massimizzat l-impatt soċjali tal-attivitajiet u l-ideat li joħorġu mill-isfera kulturali.
48. Ikomplu jinkoraġġixxu sħubiji bejn is-SKK u setturi oħra ta' politika (eż. is-saħħa, l-educazzjoni, iż-żgħażaġh, ix-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ambjent, l-impjiegi, l-affarijiet soċjali, it-turiżmu), sabiex jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-kultura għall-benesseri u s-sostenibbiltà billi jsir użu sħiħ mill-istrutturi u l-programmi eżistenti fejn rilevanti.

Jistieden lill-Istati Membri:

49. Jinkoraġġixxu, fejn possibbli, rabtiet bejn ix-xeni kulturali, il-komunitajiet lokali, l-awtoritajiet u l-professjonisti tas-SKK, filwaqt li jirrikonoxxu n-natura ferm minn isfel għal fuq tal-kultura u tal-ekosistemi kreattivi.
50. Jippromwovu l-konnettività soċjali permezz tal-kultura bħala rispons siewi għall-effetti tat-tbeġhid soċjali u l-interazzjonijiet diġitali.
51. Jippromwovu kuxjenza kulturali fis-soċjetajiet billi jistimulaw parteċipazzjoni kulturali attiva u aċċess ugwali għall-kultura għall-gruppi soċjali kollha, inkluż dawk l-aktar marġinalizzati u vulnerabbli.
52. Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet kulturali jiżviluppaw approċċi u metodi innovattivi biex jattiraw udjenzi differenti.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI JISKAMBJAW L-AĦJAR
PRATTIKI U JEVALWAW DAWN IL-KONKLUŻJONIJIET SAL-2023.

Dokumenti ta' politika rilevanti

Kunsill Ewropew

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fil-Laqgħa straordinarja tas-17-21 ta' Lulju 2020 (EUCO 10/20)

Aġenda Strateġika Ġdida 2019-2024 (adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019)

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 (EUCO 19/1/17 REV 1)

Dikjarazzjonijiet Ministerjali

Dikjarazzjoni dwar il-kultura fiż-żminijiet tal-kriżi tal-COVID-19 (April 2020)

The Bucharest Declaration of the Ministers of Culture and their representatives on the role of culture in building Europe's future (Id-Dikjarazzjoni ta' Bucharest tal-Ministri għall-Kultura u tar-rappreżentanti tagħhom dwar ir-rwol tal-kultura fil-bini tal-ġejjieni tal-Ewropa) (April 2019)

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Konklużjonijiet tal-Kunsill li jemendaw il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2019-2022) (ĠU C 193, 9.6.2020, p. 20)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali (ĠU C 186, 5.6.2020, p. 1)

Risoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar id-Dimensjoni Kulturali tal-Iżvilupp Sostenibbli (ĠU C 410, 6.12.2019, p. 1)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ strateġiku tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali u qafas għal azzjoni (ĠU C 192, 7.6.2019, p. 6)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 12)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza (ĠU C 425, 12.12.2017, p. 4)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali (ĠU C 172, 27.5.2015, p. 13)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' informazzjoni dwar il-mobilità għall-artisti u l-professjonisti tal-kultura (ĠU C 175, 15.6.2011, p. 5)

Kummissjoni Ewropea

Il-Midja tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni (COM(2020) 784 final)

Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE. Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE (COM(2020) 760 final)

Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss (COM(2020) 456 final)

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final)

Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura (COM(2018) 267 final)

Parlament Ewropew

Risoluzzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar l-irkupru kulturali tal-Ewropa (2020/2708 (RSP))

Risoluzzjoni tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatus soċjali tal-artisti (2006/2249 (INI))

Rapport tal-25 ta' Frar 1999 dwar is-sitwazzjoni u r-rwol tal-artisti fl-Unjoni Ewropea (A4-0103/99)

UNESCO

Culture in Crisis: Policy guide for a resilient creative sector (Il-Kultura fi Kriżi: Gwida politika għal settur kreattiv reżiljenti) (2020)

Culture & working conditions for artists: implementing the 1980 Recommendation concerning the Status of the Artist (Kultura u kundizzjonijiet tax-xogħol għall-artisti: implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-1980 dwar l-Istatus tal-Artist) (2019)

Recommendation concerning the Status of the Artist (Rakkomandazzjoni dwar l-Istatus tal-Artist) (1980)
